# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 01

**3 ta' Lulju, 2019**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

## 1.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**1.1.1 Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

## 1.2 L-aċettazzjoni tal-kariga mis-Sindku u mill-Viċi Sindku;

**1.2.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga tas-Sindku:**
**Is-Sur Maximillian Zammit bħala l-aktar kandidat li ġab voti mill-partit li eleġġa l-maġġoranza tal-Kunsilliera, ġie mitlub jekk kienx se jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Huwa wieġeb li jaċċetta.**

**1.2.2 Ġurament tal-Kariga tas- Sindku:**
**Is-Sur Maximillian Zammit ħa il-ġuramant ta' Sindku quddiem l-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Matthew Brincat.**

**1.2.3 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku:**
**Is-Sinjorina Oriana Calleja, bħala t-tieni l-aktar kandidata li ġabet voti mill-partit li eleġġa l-maġġoranza tal-Kunsilliera, ġiet mitluba jekk kienetx se taċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Hija wieġbet fl-affermattiv.**

**1.2.4 Ġurament tal-Kariga ta' Viċi Sindku:**
**Is-Sinjorina Oriana Calleja ħadet l-ġurament ta' Viċi Sindku quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Matthew Brincat.**

**Is-Sindku Max Zammit beda jippresjedi l-laqgħa.**

## 1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**1.3.1 Is-Sindku beda billi jiringrazzja il-membri kollha tal-kunsill, lis-Segretarji Eżekuttivi preżenti u preċedenti u l-istaff tal-Kunsill. Huwa saħħaq li kienu sitt snin sbieħ u li minnhom tgħallimna ħafna. Is-Sindku qal li fis-sitt snin li għaddew, sar ħafna xogħol u irenja sens ta' ħbiberija u għaqda.**

**1.3.2 Is-Sindku irringrazzja ukoll il-kunsilliera li ħallewna inħarsu l-quddiem għal leġislatura oħra li ħa ddum ħames snin u qal li j'alla li l-imħabba mal-lokal u l-ħbiberija ta' bejnietna tkompli tirrenja ħalli quddiemna dejjem nżommu lir-resident l-ewwel filwaqt li jispera li bħal dejjem kollha kemm huma jaħdmu id f' id.**

## 1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**1.4.1 Il-Kunsilliera Eugenio Muscat u Ronnie Portelli jawguraw lil Oriana Calleja li ħadet il-kariga ta' Viċi Sindku.**

**1.4.2 Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti laqgħat lil Viċi Sindku Oriana Calleja billi qalet li tispera li jibqu jaħdmu bħas-soltu u jikkoperaw flimkien. Hija qaltilha li huma dejjem ħadmu id f'id u dejjem nesew il-partiġġjaniżmu.**

**1.4.3 Il-Viċi Sindku Oriana Calleja ħadet pjaċir li kulħadd jaħdem id f id, qalet li hija ċerta li ħa jkun hemm diżgwidi imma dejjem iridu jittieħdu deċiżjonijiet għal ġid tal-lokalita' u li d-deċiżjoni trid tkun tajba kemm għal kunsill kif ukoll għar-resident.**

**1.4.4 Il-Kunsillier Ronnie Portelli irringrazzja lis-Sindku, Viċi Sindku, kunsilliera kollha kif ukoll l-istaff kollu tal-Kunsill.**

## 1.5 Taraġ Belvedere;

**Il-Kunsill qabel biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.**

## 1.6 Dekasteri;

**Is-Sindku qasam id-dekasteri kif ġejjien:**

**Is-Sindku Max Zammit:**

- **Infrastruttura**
- **Proġġetti kapitali**
- **Sports**
- **Attivitajiet fiżiċi**
- ***Events* u tkun is-sossitut il-Viċi Sindku Oriana Calleja**

**Il-Viċi Sindku Oriana Calleja:**

- **Żgħażagħ u tfal**
- **Edukazzjoni (inizjattivi edukattivi, għarfien aħjar bħal *computers, mobile smartphones home economics*, sigurta)**
- **Qasam socjali**
- **Transport**

**Il-Kunsillier Ronnie Portelli:**

- **Anzjani**
- **Annimali**
- **Saħħa (bħal nżiedu servizzi fil-berġa) u l-Kunsillier Eugenio Muscat ikun is-sossitut**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti:**

- **Kultura**
- **Komunitajiet**
- **Integrazzjoni Soċjali**
- ***Eu Funding***
- ***Forreign Affairs***

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat:**

- **Indafa**
- **Ambjent**
- ***Planning Authority***

## 1.7 Jum Ta' Xbiex;

**1.7.1 Il-Kunsill qabel li Jum Ta' Xbiex se jsir nhar il-Ġimgha 13 ta' Settembru 2019 u l-Ħadd 15 ta' Settembru ngħidu lill-Kappillan biex jagħmlielna quddiesa fil-11.30 ta' filgħodu u wara jsir riċiviment.**

## 1.8 *Connecting Through Culture*;

**1.8.1 Il-Kunsill qabel li s-Sibt 14 ta' Settembru 2019 issir l-attivita' ta' *Connecting Through Culture*.**

**1.8.2 Is-Sindku qal li kellu l-opportunita' li jitkellem ma kumpanija oħra fejn qed jaħseb li jista joffrulna pakett aħjar. Il-kunsill qabel li jiltaqgħu mal-organiżżatur.**

## 1.9 *Environmental Officer*;

**Il-Kunsill qabel li se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.**

## 1.10 L-iskala tas-Segretarju Eżekuttiv;

**1.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hija se tibda titħallas Skala 7 notch 5 u għaldaqstant talbet li tibda titħallas daqs kemm kien jitħallas is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**1.10.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat propona li s-Sinjura Anna Micallef ukoll titla notches kollha tal-iskala li qed titħallas. Il-Kunsill qabel imma dejjem jekk taċċetta li jekk ikun hemm xi skemi jew is-Segretarju Eżekuttiv ikollha bżonn xi għajnuna, trid taċċetta li tkun responsabli għax xogħol li tkun ġiet imqabbda għalih.**

## 1.11 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**Ma kienx hemm.**

## 1.12 Rapporti mill-Kunsilliera;

**Ma kienx hemm.**

## 1.13 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 22 ta’ Lulju, 2019 fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija.

**Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa ta’ filgħaxija.**

**Konfermati llum it-Tnejn 22 ta’ Lulju 2019.**

| | |
|---|---|
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |